# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1182/2019/2 TA**

**Grazio magħruf bħala Mario Debono u martu Josanne Debono u Kyle Debono**

**v.**

**Emvin Cassar u martu Ersilia magħrufa bħala Elsie Cassar, Rudolph Cassar u martu Karen Cassar Ruggier**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Marzu, 2023 imressaq mill-konvenuti, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u għaldaqstant ħassret id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

tal-4 ta' Diċembru, 2019 li permezz tiegħu nħareġ mandat ta' inibizzjoni sabiex l-atturi ma jbiegħux proprjetà tagħhom, inkluż ukoll id-digriet li permezz tiegħu t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kienet intlaqgħet b'mod proviżorju.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-11 ta' Diċembru, 2019, l-atturi fissru li fl-4 ta' Diċembru, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat digriet kamerali li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenuti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1533/2019AF sabiex ma jitħallewx ibiegħu jew b'xi mod jiddisponu mill-proprjetà tagħhom bl-isem Zuni, mibnija fuq plot numru 8, fi Triq il-Qortin, il-Mellieħa. Dan wara li sostnew li xtaqu jikkawtelaw id-dritt li jieħdu lura mingħandhom l-ammonti ta' flus ta' taxxa li d-Dipartiment tat-Taxxi jista' jitlob mingħandhom bħala ex-diretturi tal-kumpanija Windmill Aluminium Co Ltd.

3. Jgħidu li permezz ta' din il-kawża huma jridu jimpunjaw id-digriet tal-4 ta' Diċembru, 2019 u għal dan il-għan kellhom jitolbu li jiġu allegati l-atti tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni.

4. Jissoktaw jgħidu li fir-rikors tat-8 ta' Novembru, 2019 li permezz tiegħu intalab il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, il-konvenuti stqarrew li

huma kienu azzjonisti u diretturi fil-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited u li fl-14 ta' Frar, 2012 sar ftehim biex huma (ċjoè Cassar) jittrasferixxu l-ishma tagħhom favur (...) Grazio Debono sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, soġġett illi l-garanziji personali kollha li kienu taw (...) fuq il-faċilitajiet u obbligi tal-kumpanija jiġu rilaxxati. Illi skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet l-ishma kienu qegħdin jiġu ttrasferiti *tale quale*, ħlief għall-garanziji personali li ngħataw, liema garanziji ngħalqu ħames (5) snin wara d-data tal-ftehim.

5. Illi f'dak l-istess rikors tat-8 ta' Novembru, 2019, Cassar qalu li kien jeżisti bilanċ sostanzjali ta' taxxa dovuta mill-kumpanija Windmill Aluminium Limited għall-perjodu meta huma kienu diretturi u azzjonisti fl-istess kumpanija. Intqal ukoll li dan il-bilanċ ġa kien soġġett għal proċeduri fil-Qorti Kriminali kontra r-rikorrenti (il-konvenuti Cassar) minħabba l-inadempjenza ta' Windmill Aluminium u l-intimati (ċjoè Debono atturi fil-kawża tal-lum).

6. Issoktaw jgħidu li minkejja r-responsabbiltà sħiħa assunta mill-konvenuti Debono għall-ħlas tal-ammonti dovuti, u d-diversi assigurazzjonijiet min-naħa ta' Grazio Debono illi kien qiegħed jagħmel ħlasijiet fix-xahar bi ftehim mad-dipartiment, jirriżulta mir-rapport ta' Donald Schembri illi dan ma kienx il-każ, u li kien hemm bilanċ sostanzjali ta' €582,227 dovut għas-snin li fihom kienu diretturi ta' Windmill

Aluminium Emvin Cassar u Rudolph Cassar. Jgħidu li skont il-liġi u minkejja l-ftehim dirett bejn il-partijiet, huma responsabbli għalih l-istess rikorrenti [il-konvenuti Cassar] personalment fit-termini tal-liġijiet tat-taxxa.

7. Cassar iddikjaraw li kienu saru jafu li Grazio u Josanne Debono kienu beħsiebhom ibiegħu l-unika proprjetà li għandhom, u ċjoè l-proprjetà mertu tar-rikors, f'liema każ sostnew li huma ma jkollhomx aktar assi, bir-riżultat illi f'każ illi jkun hemm azzjoni eżekuttiva min-naħa tad-dipartiment fuq id-diretturi ta' Windmill Aluminium, din tiġi enforzata biss fuqhom li għandhom assi. Bħala konsegwenza ta' dan sostnew li ma jkollhom imbagħad ebda opportunità jirrikavaw l-ammonti mingħand l-intimati Debono, peress illi minkejja li jkollhom dritt, dan id-dritt ma jkunx eżiġibbli minħabba l-fatt illi ma jkunx għad hemm assi fuq xiex issir eżekuzzjoni. Saħqu li kien jidher ċar illi Debono kienu qegħdin jagħmlu kollox bil-ħsieb li jiddefrawdawhom.

8. Cassar allegaw ukoll raġġir minħabba: (i) li iben Debono fetaħ kumpanija oħra Windmill Services Limited; u (ii) li l-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited ma ppreżentatx *annual returns* f'dawn l-aħħar snin; u kif ukoll allegaw li minkejja li Grazio Debono kien qiegħed jassigura li qegħdin isiru l-ħlasijiet tat-taxxa, huma sostnew li dan ma kienx il-każ.

9. Illi l-atturi Debono jissoktaw jgħidu fir-rikors maħluf tagħhom li huma ressqu r-risposta tagħhom fit-22 ta' Novembru 2019, b'bosta punti legali u fattwali ċjoè: (i) in-nullità tal-att imressaq minn Cassar *et* peress li naqsu milli jindikaw is-somma tal-pretensjoni tagħhom kontrihom minkejja li jgħidu li bl-inibizzjoni, xtaqu jikkawtelaw id-dritt li jirrikavaw mingħandhom l-ammonti ta' flus li d-Dipartiment tat-Taxxi jista' jitlob mingħandhom minħabba d-dejn ta' Windmill Aluminium Co Ltd (dan b'referenza għall-**Artikoli 831(1)(b)** u **832 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**); (ii) in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' Kyle Debono billi qatt ma kien involut fin-negozju u qatt ma kien sid tal-immobbli; (iii) li l-immobbli mertu tal-inibizzjoni kien inbiegħ diġà u għaldaqstant l-inibizzjoni ma setax ireġi; (iv) li huma nieqsa r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li l-pretensjoni ta' Cassar *et* hija waħda ipotetika biss, lanqas biss għadha twieldet, hija pekunjarja u mhijiex irrimedjabbli**.** Fissru li għalkemm Cassar esebew il-ftehim datat 14 ta' Frar 2012, huma naqsu milli jindikaw liema klawżola tagħtihom id-dritt li riedu jikkawtelaw bl-inibizzjoni, speċjalment meta huma ma ħarġu ebda ammonti personali minħabba d-dejn ta' taxxa ta' Windmill Aluminium Company Limited. *Inoltre*, Cassar *et* fid-disa' paragrafu tagħhom jgħidu testwalment li huma jridu jikkawtelaw id-dritt li jirrikavaw l-ammonti mingħand l-esponenti, *"f'każ li jkun hemm azzjoni eżekuttiva"* kontrihom mid-Dipartiment tat-Taxxa, li fil-fatt għad ma hemmx tali azzjoni eżekuttiva; (v) taw diversi raġunijiet għala l-

allegazzjonijiet ta' raġġiri u frodi kienu bla bażi. Kemm hu hekk esebew ukoll il-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà li huma għaddew biex xtraw fil-15 ta' Novembru 2019 bil-flus li kienu daħħlu mill-ewwel bejgħ.

10. L-atturi Debono jgħidu li bid-digriet tal-4 ta' Diċembru 2019, il-Qorti filwaqt li ċaħdet it-talba fil-konfront ta' Kyle Debono, laqgħet it-talba kif dedotta kontra Grazio Debono u Josanne Debono u rriżervat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali. Ifissru li kopja tad-digriet ġie mibgħut mir-Reġistratur tal-Qrati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li rreġistra n-nota ta' skrizzjoni mħejjija mill-eżekutanti skont l-**Artikolu 874(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili** u li fiha ġie inkluż ukoll Kyle Debono bħala eżekutat minkejja li t-talba fil-konfront tiegħu ġiet miċħuda.

11. L-atturi jgħidu li għalkemm fid-digriet impunjat il-Qorti ddikjarat li rat l-**Artikolu 873**, effettivament, waqt it-trattazzjoni tal-inibizzjoni, il-konvenuti ddikjaraw li l-mandat tagħhom ibbażawh fuq l-**Artikolu 874 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u effettivament huma ddibattew dan ukoll quddiem il-Qorti, iżda l-imsemmija Qorti evitat dan l-argument u filwaqt li fid-digriet tagħha ma daħlitx assolutament f'dan il-punt, hija għaddiet biex semmiet minflok l-**Artikolu 873**. B'żieda ma' dan, jgħidu li l-Qorti ma kinitx korretta meta fil-konsiderazzjoni numru 2 iddikjarat li «*Grazio Debono assuma l-obbligi ta' Windmill Aluminium meta ġew trasferiti lilu l-ishma kollha tas-soċjetà*.» Effettivament, dan

mhux minnu u ma jirriżulta minn imkien u lanqas minn ebda dokument jew prova oħra mressqa minn Cassar.

12. L-atturi jisħqu li lanqas ma kienet korretta l-Ewwel Qorti tgħid li l-proprjetà mertu tal-mandat tappartjeni lil Grazio Debono u Josanne Debono, inkwantu hija kellha quddiemha kopja tal-kuntratt li esebew huma stess, li juri l-att tal-bejgħ kien diġà seħħ fit-12 ta' Novembru 2019 u allura huma ma baqgħux proprjetarji. Kemm hu hekk ressqu d-difiża tagħhom f'dan is-sens ukoll iżda li l-Qorti ma kkunsidrathiex.

13. Jgħidu wkoll li għalkemm fil-konsiderazzjoni numru 5 il-Qorti ddikjarat li l-kumpanija għandha djun konsiderevoli ta' taxxa xi tħallas li għalihom il-konvenuti huma legalment responsabbli bħala ex-diretturi tagħha, naqset milli tapprezza li l-inibizzjoni inkwistjoni ma kienx bejn il-konvenuti u d-Dipartiment tat-Taxxa, imma bejn il-konvenuti u l-atturi u allura hija kellha tittratta l-eċċezzjoni tan-nullità mressqa mill-esponenti dwar il-fatt li l-konvenuti (fil-mandat, rikorrenti) naqsu milli jniżżlu s-somma li huma jippretendu li għandhom dritt jirrikavaw mingħandhom u kif ukoll naqsu milli jindikaw x'jedd *prima facie* huma suppost li għandhom f'dan ir-rigward.

14. L-atturi jsostnu li dawn in-nuqqasijiet ħolqu preġudizzju kbir, kemm legali u kif ukoll fattwali kontra tagħhom li minkejja li, f'ċirkostanzi normali,

l-eżekutati f'mandat kawtelatorju jingħataw rimedju ta' revoka ta' mandat (abbażi tal-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) abbażi, *inter alia*, tal-fatt li l-eżekutat joffri garanzija suffiċjenti oħra jew minħabba li l-ammont mitlub ma jkunx ġustifikat jew li jkun eċċessiv, fil-każ odjern, l-atturi ġew imċaħħda minn dawn ir-rimedji proprju għaliex inħareġ att null, fejn l-ammont kontra l-eżekutati lanqas biss ġie indikat mill-eżekutanti. Jgħidu li permezz tal-att null tal-konvenuti, dawn għaddew biex qabdu proprjetà li mhux biss kienet diġà nbiegħet imma li nbiegħet ukoll għal tmien mitt elf ewro (€800,000) minħabba pretensjoni li lanqas biss qatt ġiet ikkwantifikata u li lanqas biss għadha twieldet. Jgħidu li kien għalhekk li huma ma kellhomx triq oħra għajr li jressqu dawn il-proċeduri.

15. Huma jgħidu li la l-konvenuti eżekutanti u lanqas il-Qorti li tat id-digriet ma indikaw fuq liema bażi l-konvenuti jsostnu li għandhom jedd, illum, li jirrikavaw ammonti ta' taxxa li l-konvenuti għadhom ma żbursawx. Fil-fatt, l-Ewwel Qorti naqset milli tittratta d-difiża tal-ipoteticità tat-talba tal-eżekutanti u minflok, iddikjarat li, «*il-Qorti tqis li jidher li r-rikorrenti għandhom kull jedd jikkawtelaw il-kreditu tagħhom bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni*» mingħajr ġustifikazzjoni kwalsiasi u mingħajr lanqas biss ma rat ebda kwantifikazzjoni dwar l-allegat kreditu li hija ssemmi. Dan minkejja wkoll li l-esponenti wrew li huma għandhom ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxa li jippermetti l-ħlas tal-ammonti tat-taxxa sa sitt snin

oħra (sas-sena 2025), ammonti li wara kollox ħallew bħala dejn il-konvenuti stess fi żmienhom bħala diretturi.

16. Itennu wkoll li jirriżulta li minkejja li d-digriet tal-4 ta' Diċembru, 2019 ċaħad it-talba tal-konvenuti fil-konfront ta' Kyle Debono, ismu xorta waħda ġie inkluż fin-nota ta' skrizzjoni, li abbozz tagħha kienet tħejjiet mill-konvenuti u li hekk Kyle Debono spiċċa eżekutat ukoll minkejja li t-talba fil-konfront tiegħu ġiet miċħuda.

17. L-atturi jilmentaw li l-Qorti naqset effettivament milli tittratta u timmotiva, anki jekk fil-qosor, kull argument imressaq bħala difiża minnhom b'risposta għar-rikors tal-mandat, liema argumenti huma jżommu fermi magħhom u qegħdin iressquhom ukoll fil-każ tal-lum.

18. Fl-aħħar nett, l-atturi jsostnu li għalkemm fid-digriet tagħha l-Qorti ddikjarat espliċitament li riedet tevita *«il-preġudizzju ukoll tat-terzi xerrejja u r-responsabbilitajiet lejhom da parti tal-istess intimati, ukoll sabiex jiġu evitati moltipliċità ta' kawżi»,* fir-realtà, bil-fatt li nħareġ tali inibizzjoni fl-isfond tal-punti legali u fattwali kollha mfissra minnhom fir-risposta tagħhom quddiemha tat-22 ta' Novembru 2019, l-għan mixtieq mill-Qorti żgur li ma jistax jintlaħaq tant li mhux talli ser jevita l-multipliċità tal-kawża, imma ser iżidhom inutilment;

19. Kien għalhekk li l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«(1) tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet tagħha tal-4 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu nħareġ l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, inkluż id-digriet provviżorju preċedenti tat-8 ta' Novembru 2019 u n-nota ta' iskrizzjoni msemmija relattiva;*
>
> *(2) tilqa' l-eċċezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-esponenti tat-22 ta' Novembru 2019 imressqa minnhom fil-kuntest tal-imsemmi mandat 1533/2019 AF u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni li kienu ressqu l-konvenuti fit-8 ta' Novembru 2019 u tordna wkoll li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tiġi debitament insinwata.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-esponenti.»*

20. Il-konvenuti ressqu tweġiba maħlufa fil-15 ta' Jannar, 2020 u eċċepew hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok u in via preliminari, l-azzjoni kif proposta mhix proponibbli taħt l-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta evitat argumenti u ma għamlitx il-konsiderazzjonijiet tagħha skont il-liġi;*
>
> *3. Illi in oltre, dwar l-obbligi ta' Windmill Aluminium Company Limited assunti minn Grazio Debono, l-obbligi li huma relatati ma' ħlas ta' taxxa, national insurance u taxxa fuq il-valur miżjud fil-fatt ġew assunti minn Grazio Debono, u dak kif jirriżulta mid-dokumenti esibiti mar-rikors promotur fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1533/2019 kif ukoll ex admissis mill-istess Grazio Debono;*
>
> *4. Illi dwar il-kuntratt ta' bejgħ tat-12 ta' Novembru 2019, peress illi sar fil-mori ta' mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ mhux validu u għaldaqstant huwa null, u inoltre ma jagħmilx stat fil-konfront tal-esponenti;*
>
> *5. Illi dwar ir-raba' punt u allegat nullità tal-att promotur tal-mandat inkwistjoni, id-dritt prima facie jirriżulta mill-Artkolu 1079 tal-Kap. 16, fejn l-intimati tilfu kull benefiċċju ta' terminu mogħti lilhom biex tħallsu l-ammonti dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi, u għaldaqstant jeżistu l-elementi dettati mill-Artikolu 1078 tal-Kap 12 biex jitħallas d-dejn kollu ta'*

*Windmill Aluminium Company Limited mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni minnufiħ jew fi żmien perentorju iffissat mill-Qorti. Illi dan huwa il-mertu tar-rikors ġuramentat numru 1222/2019MC fl-ismijiet "Emvin Cassar et vs. Grazio Debono et";*

*6. Illi kwalunkwe ftehim illi għandu Grazio Debono mad-Dipartiment tat-Taxxi ma jagħmilx stat fil-konfront tal-esponenti, u r-relazzjoni bejn il-kontendenti hija regolata mill-ftehim datat 14 ta' Settembru 2012, liema ftehim Grazio Debono kien u għadu inadempjenti fuqu.*

*7. Illi dwar in-nota ta' iskrizzjoni fil-konfront ta' Kyle Debono, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontraditturi f'din il-proċedura;*

*8. Illi in ogni caso ma jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi għat-tħassir tad-digriet tal-4 ta' Diċembru 2019 u 8 ta' Novembru 2019;*

*9. Illi t-talba biex jintlaqgħu eċċezzjonijiet mressqa fi proċedura separata mhux biss hija bizzarra iżda hija wkoll għalkollox improponibbli;*

*10. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*11. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

21. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi u odnat il-ħruġ tal-kontromandat. Bl-ispejjeż jinġarru mill-konvenuti.

22. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

***«Punti ta' fatti***

*Fil-qosor, il-konvenuti ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1533/2019AF biex iżommu lill-Atturi milli b'xi mod jiddisponi mill-fond fuq imsemmi. Dan il-mandat ġie milqugħ l-ewwel provviżorjament u mbagħad definittivament permezz ta' digriet tal-4 ta' Diċembru 2019 (a fol 7).*

*Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-Atturi jridu jottjenu dikjarazzjoni ta' revoka tad-digriet billi tannullah għal numru ta' raġunijiet li ssemmew fir-rikors promotur.*

***Punti ta' liġi***

*Jibda biex jiġi rilevat li dak li qegħdin jitolbu l-Atturi f'din il-Kawża ma hiex ir-revoka taħt xi waħda mir-raġunijiet indikati fl-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda azzjoni diretta ta' nullità tad-digriet tal-Qorti li laqgħet it-talba li toħroġ il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*L-azzjoni li tagħti l-liġi taħt artikolu 836 hija għalkollox differenti. Taħt dak l-artikolu l-mandat huwa dejjem preżunt li ħareġ b'mod validu però jintalab li jkun revoka (recte: revokat) ai termini tal-istanzi msemmija f'dak l-artikolu. B'dan il-mod anke qed tkun indirizzata l-ewwel risposta tal-konvenuti.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Artikoli 830 u 832 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Dan l-ilment kien ukoll imqanqal mill-Atturi qua intimati fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi fl-ewwel risposta tagħhom. B'dana kollu ma hemm xejn fid-digriet tal-4 ta' Diċembru li jindirizza dan l-ilment. Lanqas ma din il-Qorti ma tista' tgħid x'kienu s-sottomissjonijiet fuq dan il-punt mill-partijiet għalkemm fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2019 jidher li d-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors (a fol 135 tal-mandat).*

*Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha.*

*L-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi kif ġej:*

> *«**Meta** l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-Qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat.» (Enfasi ta' din il-Qorti).*

*Il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għad-digrieti dwar dan il-punt proċedurali, fost oħrajn id-**Digriet tat-2 ta' Frar, 2018 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 42/18 fl-ismijiet Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjetà KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513) f'isimhom propju u għan-nom tas-soċjetà KPM Marine Services Limited (C 67876).** Dan id-digriet ingħata mill-Prim'Awla mill-istess Imħallef li qed jippresedi f'dawn il-proċeduri.*

*Għalhekk ikun utli naraw x'jgħid eżatt dan l-artikolu u li jekk huwiex minnu, li dak li jiddisponi l-artikolu msemmi dwar dak li qed jinsistu dwaru l-Atturi u ċjoè jekk il-prinċipju legali nvokat minnhom għandux ikun applikat b'mod indiskriminat kull darba li jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni.*

*Huwa għalhekk, li din il-Qorti għamlet l-enfasi fuq imsemmija, meta ċċitat testwalment l-artikolu inkwistjoni. Il-Kelma "Meta" hija kjarament indikattiva li l-element in dibattitu jkun meħtieġ taħt piena ta' nullità mhux f'kull sitwazzjoni. Li ma kienx hekk, dan l-artikolu ma kienx jiddisponi billi jibda propju b'din il-kelma ipotetika.*

*Isegwi, li dan ifisser li jista' jkun hemm, sitwazzjonijiet, partikolarment fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, fejn dan l-element ma jkunx meħtieġ għax ma jkunx possibbli li jsir. Il-Qorti di fatti tagħmel referenza għal dak li qalu l-Qrati f'dan ir-rigward fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

> *«Tqis li, dwar il-preġudizzjali tas-siwi tar-rikors imressqa mill-intimati, din il-Qorti ma tarax li hija mistħoqqa. Ir-rikors tal-lum tressaq bħala talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni 'normali' (Formola 21) u mhux dik l-għamla ta' Mandat ta' Inibizzjoni li jissemma fil-Formola 2, liema Mandat jitlob li jitħarsu ċerti kondizzjonijiet u l-għoti ta' ċertu tagħrif speċifikat. Ta' min jgħid li mhux kull talba li ssir għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li żżomm lill-persuna intimata milli tittrasferixxi, tgħabbi jew tbigħ jew teħles minn xi ġid immobbli għandha tabilfors titressaq taħt l-artikolu 874 tal-Kodiċi.*
>
> *Tqis li, għal dak li jirrigwarda t-talba li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li hemm dak in-nuqqas ta' siwi li jallegaw l-intimati. Dan jingħad għaliex, għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 831(1) u 832 tal-Kodiċi jirrigwardaw il-Mandati kawtelatorji in ġenerali, ir-rikors tal-lum jirrigwarda wieħed mis-suriet tal-Mandat ta' Inibizzjoni, li l-liġi ma titlobx dwaru li r-rikorrent isemmi l-ammont tal-kreditu dovut, imma biss il-jedd li bis-saħħa tiegħu jitlob il-ħruġ tal-istess Mandat;" (Ara* ***digriet ta' l-10 ta' Marzu, 2010 Mandat Numru. 296/2010/1 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 296/10 fl-ismijiet: Raymond Gauci u Josephine Gauci -vs- George Briffa u Rita Briffa****.)*
>
> *Din il-Qorti tirrikonoxxi li jista' għalhekk ikun hemm sitwazzjonijiet, fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni, li t-tismija tal-pretensjoni tkun biżżejjed u ċjoè dak li jiddisponi l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u ċjoè "l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur.»*

*Però meta l-mandati ta' inibizzjoni ma jkunux jirrigwardaw ż-żamma ta' fatt jew għemil biss, iżda jkun intiż biex tkun imħarsa pretensjoni li tissarraf f'somma flus, in-nuqqas ta' tismija, imqar approssimattiva, tal-valur tal-pretensjoni, takkwista importanza. Fid-digriet fl-****ismijiet Kevin Attard (K.I. 0310676M) għan-nom tas-soċjeta` KPM Marine Services Limited (C-67876) -vs- Philip Cardona****, il-Qorti kellha quddiemha kwistjoni ta' danni tant li osservat li "Kemm mill-Mandat odjern u kif ukoll mill-Kawża li permezz tagħha ġiet dedotta l-pretensjoni mertu ta' dan ir-rikors (ara dokument a fol 50), jirriżulta li qed jintalab fost oħrajn, ħlas għad-danni sofferti. Dan ifisser, li l-pretensjoni f'dawn l-atti, tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma flus".*

*Din il-Qorti eżaminat l-atti u jirriżultalha bl-aktar mod ċar, li dak li qed jipprovaw jikkawtelaw l-konvenuti bil-mandat ta' inibizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri għalkemm veru jridu li jżommu lill-Atturi milli jiddisponu minn*

*immobbli jgħidu però ukoll li din qed jitolbuh għaliex l-altrimenti "ma jkollhom ebda opportunità jirrikavaw l-ammonti mingħand l-intimati peress li minkejja li jkollhom dritt, dan id-dritt ma jkunux eleġibbli minħabba l-fatt li ma jkun hemmx assi fuq liema ssir eżekuzzjoni" (ara a fol 2 atti tal-mandat).*

*Ma hemm ebda dubbju li d-dritt li jridu jipproteġu l-konvenuti jikkonsisti f'somma flus. Dan huwa ukoll manifestament ċar mit-talbiet tar-rikors ġuramentat numru 1222/19, li permezz tiegħu ddeduċew l-pretensjoni tagħhom wara l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni. B'dawn il-proċeduri l-konvenuti qiegħdin jittentaw li jirkupraw is-somma ta' €582,227 li talvolta jistgħu jkunu mġiegħla jħallsu lill-Kummissarju tal-VAT. Indikazzjoni ċara aktar minn hekk tax-xorta ta' pretensjoni li għandhom ma jistax ikun hemm.*

*Il-ħsieb wara l-artikolu 831(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hu, li tqiegħed lill-intimat fil-pożizzjoni li jeħles lilu nnifsu, mill-effetti tal-mandat, billi jġib garanzija fl-ammonti pretiżi mir-Rikorrent, u dan kif jippermetti l-artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew anke taħt artikolu 836(e) tal-istess Kap. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Dr. Anthony Galea noe -vs- Adrian Aguis tal-31 ta' Lulju 2014**).*

*Għalhekk it-tismija ta' somma li tista' tissodisfa l-pretensjoni bi ħlas, hija rikjesta mil-liġi taħt piena ta' nullità. Jiġifieri, il-Qorti hija b'idejha marbutin b'din il-komminazzjoni. Dan qiegħed jingħad, anke fid-dawl ta' dak li jiddisponi artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li n-nullità tal-att hija ddikjarata espressament mil-liġi stess. Nullità, li l-anqas tista' tissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi (ara provvediment tal-**Prim'Awla Qorti Civili per Imħallef Joseph R. Micallef fl-Atti tal-Mandat 1052/2014/1 mogħti fil-31 tal-Lulju 2013 fl-ismijiet Avukat Anthony Galea nomine -vs- Adrian Aguis**). Dan ifisser li għalhekk biss il-mandat ukoll kellu jkun miċħud.*

*B'danakollu din il-Qorti tħoss li għandha wkoll tosserva dwar il-fatt li l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri ġie trasferit jum wara li ġie milqugħ il-mandat definittivament.*

*F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva s-segwenti fatti:*

*1. Digriet tal-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni ngħata fit-8 ta' Novembru 2019 (a fol 88 mandat).*
*2. Dan ġie notifikat lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku fil-11 ta' Novembru 2019 (a fol 82 tergo) ma jidhirx li r-rikorrenti qatt ġew notifikati bih. In-nutar Katrina Bartolo tixhed, li dakinhar li għamlet il-kuntratt mir-riċerki ma ħareġ xejn (a fol 116 tergo u 117 tergo). Bis-saħħa ta' dan il-kuntratt ġew kanċellati wkoll numru ta' ipoteki (a fol 117 tergo).*

*3. Il-fond mertu tal-proċeduri ġie trasferit lil terzi fit-12 ta' Novembru 2019, atti nutar Katrina Bartolo (a fol 91 tal-mandat). Dr. Elizabeth Said għal Identity Malta tgħid hekk "Jiġifieri biex jekk mandat daħal illum biex jidher*

*fir-riċerka uffiċjali jrid jgħaddu jumejn tax-xogħol qabel ma joħroġ fir-riċerka li tkun uffiċjali". Issa d-digriet provviżorju ġie notifikat fil-11 ta' Novembru 2019. Jekk kif tgħid ix-xhud, iridu jgħaddu jumejn tax-xogħol iġifieri utli, ifisser li d-digriet inkwistjoni kien ser ikun diponibbli uffiċjalment fit-13 ta' Novembru 2019 meta l-kuntratt ġie ppublikat il-ġurnata ta' qabel.*

*Din il-Qorti ma tara ebda loġika, li persuna għandha tbati l-konsegwenzi ta' ksur ta' ordni tal-Qorti, meta dik il-persuna ma tkunx taf b'tali ordni. Skont din il-Qorti, li żżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa u li ma jafx li dik il-ħaġa ma għandux jagħmilha, ma għandhiex mid-dettami tal-ġustizzja aktar u aktar meta f'din il-Kawża ma kienx uffiċjalment disponibbli kemm għan-nutar, għal parti u terzi bħal anke Banek biex setgħu jiskopru tali ordni mir-riċerki uffiċjali. L-individwu ma għandu jbati minħabba l-organiżżazzjoni interna ta' xi dipartiment. L-anqas ma inġabet xi prova li l-Atturi kienu jafu li nħarġet dik l-ordni għaliex l-anqas b'dik provviżorja ma kienu notifikati.*

*Dan ifisser li ġaladarba fil-mument tat-trasferiment tal-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri dik l-ordni ma nġabitx validalment a konjizzjoni ta' kull min huwa interessat skont il-liġi, dak il-bejgħ jibqa' validu. Kif inhu ormai mgħallem li l-mandat ta' inibizzjoni ma hux maħsub li jħoll obbligazzjonijiet iżda biex twaqqaf lil dak li jkun jidħol għalihom. La darba jkunu saru ma hemm xejn x'jitwaqqaf.*

*Kwantu jirrigwarda Kyle Debono, din il-Qorti tħoss li t-talba għall-ħruġ ta' inibizzjoni kontra tiegħu, peress sa mill-bidu nett ma kellux ikun parti għaliha. Il-mandat huwa maħsub biss biex iżomm lit-titolari tal-fond mertu ta' dawk il-proċeduri milli jiddisponi minnu. Jirriżulta mill-aktar mod ċar, li dan il-konvenut qatt ma kien propjetarju kif anke jirriżulta mill-kuntratt ta' akkwist tal-fond inkwistjoni.*

*Jekk dan l-Attur għandux ikun parti fl-azzjoni li eventwalment ġiet dedotta l-prestensjoni tal-konvenuti, dik hija kwistjoni oħra, kwistjoni li għad trid taraha dik il-Qorti kompetenti li ġiet adita biex tiddeċiediha.*

*Però żgur, li ai fini ta' mandat ta' inibizzjoni, dan l-Attur ma kellux ikun milqut, għaliex hu ma jistax jiġi miżmum milli jiddisponi minn ħaġa li ma hiex tiegħu jew li ma għandux interessi patrimonjali fiha.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma hemmx għalfejn din il-Qorti tgħaddi biex tinvesti l-ilmenti l-oħra tal-Atturi.»*

23. Illi l-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-11 ta' April, 2023, bi tliet aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi senjatament l-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni**

**u Proċedura Ċivili**; (ii) li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-**Artikolu 832 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (iii) li mingħajr ħsara għall-aggravji ta' qabel, din il-Qorti għandha tħares lejn l-elementi meħtieġa bil-liġi u ġurisprudenza biex tasal għall-konklużjoni li kellhom jedd mad-daqqa t'għajn.

24. L-atturi appellati ressqu tweġiba fit-23 ta' Ottubru, 2024 fejn taw ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

25. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

26. Illi permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-konvenuti appellanti filwaqt li jirreferu għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom u għall-ewwel talba attriċi jisħqu li l-Ewwel Qorti fl-indirizz tagħha għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom telqet fuq premessa ħażina. Jissoktaw jgħidu li f'dan il-każ kellha tapplika l-proċedura maħsuba taħt l-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Ir-raġuni għal dan l-argument hija li l-**Artikolu 836** jipprovdi li fin-nuqqas ta' xi jedd speċifiku ieħor taħt il-liġi rigwardanti

talbiet għar-revoka ta' mandati kawtelatorji, jipprovdi li l-Qrati kompetenti sabiex jistħarrġu revoka ta' mandati kawtelatorji hija l-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret il-kawża, jista' jsir rikors lil dik il-Qorti li tkun qiegħda titratta l-kawża.

27. L-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-appellanti ma kienu ressqu ebda eċċezzjoni ta' kompetenza quddiem l-Ewwel Qorti kif qegħdin isostnu f'dan l-appell tagħhom u għal din ir-raġuni biss dan l-aggravju huwa żbaljat. Barra minn hekk, iwieġbu li l-azzjoni għall-impunjazzjoni tad-digriet imsemmi nbdiet minnhom u kienet għalhekk l-għażla tagħhom u għamluha ċara fl-istess rikors maħluf, fit-talbiet u fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-raġuni għalfejn ma setgħux iressqu rikors b'riħet l-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Qabelxejn, din il-Qorti ma tqisx li permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti qegħdin iqajmu kwistjonijiet dwar kompetenza. Dak li qegħdin jgħidu l-appellanti jorbot mal-ilment tagħhom għaliex huma jisħqu li l-appellati ma kellhomx iressqu rikors maħluf iżda kellhom jekk xejn ir-rimedju mogħti lilhom b'riħet l-**Artikolu 836**, liema artikolu proprju jipprovdi liema Qorti hija kompetenti biex tiddeċiedi rikors bħal dak.

29. Ikun utli li f'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet ***MPM Capital Investments Ltd et v. Alfred Anton Zarifa et***

deċiża fit-3 ta' Settembru, 2024 fejn ġie mtenni li l-proċedura biex wieħed jattakka jew jibdel digriet li jkun laqa' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f'dawn l-aħħar snin. Hemm sensiela ta' każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u partikolarment dwar l-għamla ta' proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhuwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet (ara ***Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Awwissu, 1953). Digriet bħal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet, la jorbot lill-ġudikant u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju. Mod ieħor, tali digriet jagħmel biss parti mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawża u b'hekk il-proċedura marbuta ma' tali digriet teżawrixxi ruħha bil-ħruġ tiegħu.

30. Għalhekk, ladarba digriet bħal dan mhuwiex interlokutorju, mela allura ma jistax isir appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell (ara ***Rosa Borg v. Avukat Dr. Frank Chetcuti et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar, 1946). Dan iwassal għall-konklużjoni li d-digriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jitħassar biss mill-istess Qorti li tkun tatu: (i) jew fuq talba li ssirilha b'rikors sempliċi msejjes fuq waħda mir-raġunijiet maħsuba fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Joseph Camilleri et v.***

***Anthony Govè*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju, 2001 u ***Carnik Construction Limited v. Victor Borg Barthet nomine*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2006); (ii) jew inkella, f'każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-**Artikolu 836(1)**, hawn fuq imsemmi, fuq talba li ssirilha b'rikors maħluf, wara li tqis jekk hemmx raġuni tajba biex tħassar jew tibdel digriet bħal dak (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Joseph Bonello nomine v. Emanuel Ellul nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-26 ta' Ġunju, 1987 u ***Howard Stanley Kreiss v. Patrick Zrinzo*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009).

31. Fil-każ tagħna, l-atturi qegħdin jagħmlu użu mill-proċedura tar-rikors maħluf biex iħassru kemm il-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni u kif ukoll id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tiegħu laqgħet it-talba biex b'mod provviżorju. Kif rajna, sa fejn jolqot id-digriet li laqa' l-mandat ta' inibizzjoni, l-atturi ma jistgħux jistrieħu fuq xi waħda mis-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** iżda jridu jsibu raġuni oħra tajba sabiex jiksbu b'suċċess it-tħassir tiegħu. Kemm hu hekk, minn kif inhu mfassal dan is-subinċiż tal-liġi, b'mod partikolari l-frażi tiegħu, «*mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra»*, jidher ċar li l-leġislatur ried iħalli miftuħa lis-sekwestrat l-għażla li jew jattakka l-mandat taħt xi waħda miċ-ċirkostanzi misjuba f'dan is-subinċiż,

jew inkella li jagħmel użu minn xi jedd ieħor li jista' jkollu skont il-liġi. Madankollu, fit-tħaddim tiegħu ta' dan il-jedd, l-eżekutat ma jistax jirkeb fuq il-karru ta' xi waħda miċ-ċirkostanzi misjuba fl-**ewwel subinċiż tal-Artikolu 836**, għaliex altrimenti dan ikun qiegħed jirrendi l-proċedura fih imsemmija bħala waħda żejda u mhux meħtieġa.

32. Miżmum dan, din il-Qorti sabiex tistħarreġ dan l-ewwel aggravju, trid tgħarbel għalhekk jekk ir-raġunijiet imressqa mill-atturi effettivament jaqgħux f'xi waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**Artikolu 836(1)**. Ħarsa lejn l-istess iwassal lil din il-Qorti twieġeb fin-negattiv u tikkonkludi li l-konvenuti m'għandhomx raġun f'dan l-aggravju.

33. Sewwasew, l-ewwel raġuni li l-atturi jinvokaw għat-tħassir tad-digriet li permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni hija proprju n-nullità tar-rikors imressaq mill-konvenuti Cassar kontrihom. Huma jistrieħu fuq l-**Artikoli 831(1)(b)** u **832 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. L-atturi qegħdin isostnu li r-rikors li abbażi tiegħu ħareġ il-mandat ma kienx jiswa *ab initio* u konsegwentement jiġi b'hekk li l-mandat ma kellu qatt jinħareġ. Dan l-ilment ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitt kawżali maħsuba fl-**Artikolu 836(1)**, liema raġunijiet ilkoll jippreżumu li l-att kawtelatorju kien jiswa dakinhar li nħareġ (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċvili tal-5 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet ***Paula sive Pauline Debono v. Paul Falzon et***).

Jiġi b'hekk li l-uniku rimedju li kellhom l-atturi kien li jressqu din il-kawża. Naturalment jekk għandhomx raġun dwar dan hija kwistjoni oħra.

34. Sfiq ma' dan, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** maqtugħa fil-21 ta' April, 2014 kienet imħabbta bi kwistjoni simili għal dik li għandna llum u fissret:

> *«Illi l-eżekutat jgħid li l-Mandat ma jiswiex u huwa null fil-forma tiegħu għaliex ma jitħarisx dak li jitlob l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 ladarba l-eżekutanti la jsemmu mnejn joħroġ il-kreditu pretiż minnhom u lanqas ix-xorta tad-dejn li hu suppost għandu lejhom. Isemmi wkoll in-nullità minħabba li mal-Mandat ma tressqitx kopja ta' dokument li jixhed il-kreditu;*
>
> *Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tal-eżekutat ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitt kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1), lanqas dik taħt il-kawżali tal-artikolu 836(1)(b) tiegħu, ladarba huwa jgħid li l-Mandat ma kienx jiswa "ab initio", filwaqt li s-sub-inċiż (b) jitkellem dwar xi ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat li "ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"»*

35. Għaldaqstant anke jekk xi waħda mill-bqija tar-raġunijiet li fuqhom jistrieħu l-atturi taqa' taħt xi waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija mill-**Artikolu 836(1)**, dan waħdu ma jfissirx li l-atturi ma kellhomx jagħmlu użu mir-rimedju li jiftħu proċeduri permezz ta' rikors maħluf. Ma jagħmel ebda sens legali li r-raġunijiet jinfatmu minn xulxin u jitressqu separatament kemm għaliex *il più comprende il meno,* u kif ukoll għaliex jista' jkun hemm il-periklu ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti dwar l-istess mandat. Barra minn hekk, ladarba hemm l-allegazzjoni li l-att promotur ma kienx siewi jkun f'waqtu li jiġi mistħarreġ dan il-punt għaliex fl-eventwalità li l-ilment ikun ġustifikat it-talba għat-tħassir tintlaqa'.

36. Illi jingħad li mhux l-ewwel darba li Qorti li tkun qiegħda tiddeċiedi dwar talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ntalbet tistħarreġ ukoll il-preġudizzjali tan-nuqqas ta' siwi tal-att innifsu. Ingħad mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-digriet tat-22 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet ***Jane Agius v. John Agius*** li *«Tqis li, b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak (App. Ċiv. 11.5.1962 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut v. Sammut et*** *(Kollez. Vol: XLVI.i.242))».* Il-Qorti għaddiet biex iddeċidiet dik il-preġudizzjali billi ċaħditha għar-raġunijiet minnha mfissra.

37. Meta ngħaddu għall-każ tagħna, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet ***Cassar et v. Debono et*** kienet ukoll mistiedna tistħarreġ il-preġudizzjali ta' nullità tal-att iżda ma qalet xejn dwar l-istess. B'dan għalhekk li r-rikors tqis bħala li kien siewi u kif imfisser aktar 'il fuq, l-atturi ma setgħux imbagħad iressqu din il-preġudizzjali b'rikors imsejjes fuq l-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

38. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju se jiġi miċħud.

39. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**. L-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti wara li kkwotat kelma b'kelma l-**Artikolu 832 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u wettqet l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-istess, kompliet tgħid li ma kien hemm xejn fid-digriet tal-4 ta' Diċembru, 2019 li jindirizza l-ilment dwar is-siwi tal-att. Żiedet tgħid li lanqas setgħet tgħid x'kienu s-sottomissjonijiet fuq dan il-punt mill-partijiet għalkemm kien jidher li fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2019 id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors.

40. L-appellanti jgħidu li fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, il-Qorti li laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ma kellha ebda obbligi li tidħol f'analiżi dettaljata tal-kwistjoni. Jgħidu li l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha l-jedd li tagħmel l-analiżi tagħha partikolarment bil-proċedura ta' rikors maħluf. Jissoktaw jgħidu li fil-fatt hija d-deċiżjoni meħuda mill-Ewwel Qorti li tħalli l-pretensjonijiet jinġiebu quddiemha permezz ta' rikors maħluf li hija l-pern tal-lanjanza tagħhom. Dan meta l-proċedura jmissha nġiebet jew quddiem il-Qorti li ħarġet il-mandat jew dik il-Qorti li qiegħda tisma' l-kawża li permezz tagħha qiegħda tintalab deċiżjoni fuq il-pretensjonijiet li ġew ikkawtelati.

41. Il-konvenuti jsostnu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet illi l-elementi meħtieġa mill-**Artikolu 832** ma ġewx sodisfatti u ġabet bħala motivazzjoni l-argument illi l-appellati ma setgħux jipprevalixxu ruħhom mill-**Artikolu**

**831(2)** billi jġibu garanzija għall-ammonti pretiżi. Jisħqu li dan mhux minnu. Jgħidu li dak li l-Ewwel Qorti naqset li tgħid huwa li r-rimedju li kellhom l-atturi kien fil-fatt taħt il-liġi speċjali. Huma ddikjaraw li huma lesti ma joġġezzjonawx għall-ħruġ ta' kontromandat jekk issir kawtela sodisfaċenti skont il-liġi.

42. L-appellanti jissoktaw jgħidu li fi kwalunkwe każ, u mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, is-somma pretiża ta' €582,227 issemmiet fir-rikors maħluf li permezz tiegħu ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Kif ukoll, jgħidu li din il-pretensjoni ta' flus tifforma parti mit-talbiet tagħhom fil-kawża fl-ismijiet ***Emvin Cassar et v. Mario Debono et*** liema kawża hija msejsa fuq l-**Artikolu 1077 tal-Kodiċi Ċivili**.

43. L-appellati jwieġbu billi jgħidu li l-kwistjoni tal-kompetenza ma kinitx tressqet quddiem l-Ewwel Qorti. Barra minn hekk, jidher li dan l-aggravju nbidel minn allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi dwar l-**Artikolu 832** għal żball ta' fatt fl-apprezzament tagħha. Jissoktaw jgħidu li l-Qorti li laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat mhux ma għamlitx analiżi dettaljata fuq l-eċċezzjoni tagħhom ta' nullità tar-rikors iżda ma wettqet ebda analiżi u kien proprju dan fil-fatt wieħed mill-punti prinċipali li xprunawha li tiftaħ dawn il-proċeduri billi din il-kwistjoni ma taqax taħt waħda miċ-ċirkostanzi msemmija mill-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

44. Jgħidu wkoll li s-somma ta' €582,227 imsemmija fir-rikors kienet is-somma li tissemma f'rapport imħejji minn ċertu Donald Schembri bħala s-somma li skontu kienet dovuta favur il-Kummissarrju tat-Taxxi Interni mill-kumpanija Windmill Aluminium Company Limited għas-snin li fihom Emvin Cassar u Rudolph Cassar kienu diretturi tal-istess kumpanija. Biss jgħidu li ma tissemmix is-somma li skont l-appellanti kellha tkun dovuta minnhom. Iżidu jgħidu li huma l-appellanti li fil-fatt huma debituri tagħhom tant li ressqu talba rikonvenzjonali fil-proċeduri pendenti bejn il-partijiet.

45. Illi din il-Qorti titlaq billi tgħid li meta Qorti tkun imħabbta b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-eżami li trid twettaq huwa mad-daqqa t'għajn. Kemm hu hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2009 fl-ismijiet ***Alexander D'Agata et v. Emanuel Mallia et*** fissret li xogħol il-Qorti, meta tiġi biex tara jekk għandhiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhuwiex dak li tiddetermina l-kwistjoni bejn il-partijiet jew li b'xi mod tiddeċiedi dwar id-drittijiet rispettivi tagħhom fil-każ. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-mandat.

46. Biss però dan ma jfissirx li Qorti għandha twarrab preġudizzjali jew difiża mressqa mingħajr almenu, b'mod skjett, ma tqisx l-istess. Dan

jingħad partikolarment meta l-preġudizzjali hija dwar is-siwi tal-att innifsu li bih qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat.

47. Kemm hu hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet mogħti minnha fis-16 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet ***Anthony James Waering v. Rita Waering et*** fissret li:

> *«b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwistjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak (App. Ċiv. 11.5.1962 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut v. Sammut et*** *(Kollez. Vol: XLVI.i.242)). F'dan il-każ, l-eċċezzjoni tirreferi sewwasew għal nuqqas radikali li jolqot l-eżistenza ta' parti fil-proċedura u liema nuqqas jidher sewwa mill-atti, u dan għaliex il-Mandat mitlub jimmira li jżomm sewwasew lill-istess parti intimata milli twettaq xi ħaġa li l-parti rikorrenti trid iżżommha milli twettaq.»*

48. Il-Qorti fid-digriet imsemmi fil-paragrafu ta' qabel stħarrġet il-preġuzzjali tan-nuqqas ta' siwi tal-att. F'dawk il-proċeduri tqajmet il-kwistjoni dwar liema formola ntużat mir-rikorrent. Il-Qorti sabet li l-fatt waħdu li r-rikorrent kien għoġbu jagħżel li jinqeda bil-formola tal-mandat ta' inibizzjoni "ġenerali" minflok dik partikolari ma twassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att. Tfisser li l-formola taħt l-**Artikolu 874 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija biss waħda minn suriet partikolari maħsuba mil-liġi fl-għamla tal-mandat ta' inibizzjoni, iżda ma hemm imkien li kreditur ma jistax jinqeda bil-formola "ġenerali" tal-mandat biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu. Naturalment, il-Qorti saħqet li ladarba r-rikorrent ikun għażel li jinqeda bil-formola "ġenerali", jkun tefa' fuqu l-piż

li jissoddisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma jkollux għalfejn jagħmel li kieku jkun għażel li jinqeda bil-Formola taħt l-**Artikolu 874**. Minbarra dan, il-Qorti qieset li l-intimati ma wrewx li ġarrbu xi ħsara bil-fatt li r-rikorrent inqeda b'formola minflok b'oħra (ara **Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), ladarba dawn it-tnejn jirrigwardaw l-istess mandat. Kien ikun, forsi, argument ieħor li kieku r-rikorrent ried joħroġ mandat kawtelatorju ieħor u jinqeda bil-formola tal-mandat ta' inibizzjoni.

49. Meta nduru għall-każ tagħna, jirriżulta li Emvin Cassar u Rudolph Cassar flimkien man-nisa tagħhom ippreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu lill-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Grazio Debono u martu u Kyle Debono billi użaw il-formola tal-mandat ta' inibizzjoni ġenerali. L-atturi Debono fir-rikors maħluf tagħhom jgħidu li waqt it-trattazzjoni tal-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni, il-konvenuti Cassar iddikjaraw li l-mandat tagħhom kien ibbażat fuq l-**Artikolu 874** u dan il-punt ġie wkoll trattat iżda l-Ewwel Qorti ma daħlitx fih u kkwotat l-**Artikolu 873**.

50. Illi ma jirriżultax li l-appellanti ċaħdu li ddikjaraw hekk, iżda mill-banda l-oħra ma jirriżultax la mid-digriet tal-Ewwel Qorti u wisq anqas ġie indikat lil din il-Qorti li sar xi verbal f'dan is-sens. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, tqis li r-rikors li permezz tiegħu ntalab li jinħareġ mandat ta'

inibizzjoni tressaq b'riħet l-**Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

51. Illi l-appellanti jgħidu li fil-korp tar-rikors tagħhom tissemma s-somma ta' €582,227 u għalhekk jisħqu li l-vot tal-liġi ġie sodisfatt minnhom.

52. Illi l-artikoli msemmija mill-atturi li fuqhom isejsu l-ilment tagħhom huma l-**Artikoli 831(1)(b)** u **832 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:

> *«**831.** (1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*
>
> *(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u*
> *(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.*
>
> *Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-Qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.»*
>
> *...*
>
> *«**832.** Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-Qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat.»*

53. Illi minn qari tar-rikors imressaq mill-appellanti Cassar jirriżulta li huma fissru li għal numru ta' snin huma kienu azzjonisti u diretturi fil-

kumpanija Windmill Aluminium Company Limited u li fl-14 ta' Frar, 2012 sar ftehim biex il-konvenuti jittrasferixxu l-ishma tagħhom favur Grazio Debono sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, soġġett illi l-garanziji personali kollha li kienu taw fuq il-faċilitajiet u obbligi tal-Windmill Aluminium jiġu rilaxxati.

54. Illi l-konvenuti Cassar qalu li kien jeżisti bilanċ sostanzjali ta' taxxa dovuta mill-kumpanija Windmill Aluminium għall-perjodu meta huma kienu diretturi u azzjonisti fl-istess kumpanija. Intqal ukoll li dan il-bilanċ ġa kien soġġett għal proċeduri fil-Qorti Kriminali kontrihom minħabba l-inadempjenza ta' Windmill Aluminium u l-atturi Debono. Komplew li minkejja r-responsabbiltà sħiħa assunta mill-konvenuti Debono għall-ħlas tal-ammonti dovuti, u d-diversi assigurazzjonijiet min-naħa ta' Grazio Debono illi kien qiegħed jagħmel ħlasijiet kull xahar bi ftehim mad-dipartiment, irriżulta mir-rapport ta' Donald Schembri illi dan ma kienx il-każ, u li kien hemm bilanċ sostanzjali ta' €582,227 dovut għas-snin li fihom kienu diretturi ta' Windmill Aluminium, Emvin Cassar u Rudolph Cassar. Qalu li skont il-liġi u minkejja l-ftehim dirett bejn il-partijiet, huma kienu responsabbli għal dan l-ammont personalment fit-termini tal-liġijiet tat-taxxa. Huma talbu l-ħruġ tal-mandat għaliex qalu li l-immobbli msemmi minnhom kienu l-uniku proprjetà ta' Debono u li jekk jinbiegħ f'każ li kien se jkun hemm azzjoni eżekuttiva min-naħa tad-Dipartiment fuq id-diretturi ta' Windmill Aluminium Company Limited kien se jdur fuqhom biss għaliex

huma kellhom l-assi. B'hekk tennew li jekk l-immobbli jinbiegħ huma ma kienx se jkollhom ebda ċans li jduru fuq Debono.

55. Bħala fatt l-ammont ta' €582,227 jissemma biss bħala bilanċ li skonthom kien dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, iżda ma qalux li dan kien l-ammont li kienu qegħdin jippretendu mingħand Cassar.

56. Din il-Qorti iżda żżomm f'moħħha dak li ġie mtenni mill-Qorti Kummerċjali fis-sentenza tagħha tat-13 ta' April, 1991 fl-ismijiet ***Avukat Louis Cassar Pullicino nomine v. Dr Yana Micallef Stafrace nomine***, meta kkwotat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Said v. Said*** deċiża fit-8 ta' Marzu 1968 fejn tenniet li: *«Il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża.»* Huwa proprju dan li se tagħmel din il-Qorti.

57. Sfiq ma' dan, ingħad fid-digriet fuq imsemmi fl-ismijiet ***Anthony James Waering v. Rita Waering et***, fejn il-Qorti kellha tistħarreġ ukoll il-lanjanza li r-rikorrent kien naqas għalkollox milli jindika mqar b'mod vag x'inhi s-somma jew l-ammont li huwa ried jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat minnu mitlub li:

*«Tqis li huwa minnu li, fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, normalment ma tidħolx kwistjoni ta' tismija ta' ammonti u valuri, l-aktar fejn il-jedd li l-parti rikorrenti tkun qiegħda tikkawtela jkun xi jedd li ma jissarrafx fi flus (kemm hu hekk, jingħad li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat tiġi nieqsa jekk kemm-il darba l-jedd li r-rikorrent ikun irid iħares jista' jingħata rimedju dwaru b'azzjoni għad-danni). Iżda f'dan il-każ, ir-rikorrent fetaħ sewwasew kawża għall-immissjoni fil-pussess ta' legat ta' ħaġa immobbli jew għal-likwidazzjoni ta' prezzha.»*

58. Dik il-Qorti kompliet:

*«Tqis li għalhekk, għalkemm it-talba tar-rikorrent hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rimedju minnu stess mitlub huwa rimedju ta' likwidazzjoni u ħlas, jiġifieri somma li tikkostitwixxi "dejn jew talba li tista' tkun soddisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus". Ladarba r-rikorrent għażel il-forma tal-att ġudizjarju li għażel, irid joqgħod għal dak li tgħid il-liġi;*

*Tqis għalhekk li n-nuqqas tar-rikorrent li jsemmi l-valur tal-pretensjoni tiegħu hija nuqqas ewlieni li jolqot is-siwi tal-att ġudizzjarju li ressaq quddiem din il-Qorti. Minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara li nuqqas bħal dan iġib il-piena tan-nullità. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament u għalhekk hija waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet li jgħodd għalihom l-artikolu 789(1)(a) tal-Kap 12 li, għall-kuntrarju tas-sub-inċiż (ċ) tal-istess artikolu, ma fihx issalvagwardja li l-parti intimata trid turi l-ħsara li ma tistax tissewwa li tkun ġarrbet minħabba dak in-nuqqas»*

59. Meta jiġi kkunsidrat kollox, l-Ewwel Qorti sewwa qalet li fl-aħħar mill-aħħar dak li Cassar riedu kien li jħarsu l-allegat jedd tagħhom li jirkupraw ammont ta' flus li d-Dipartiment tat-Taxxa seta' jeżiġi mingħandhom u li huma min-naħa tagħhom jippretendu li dak l-ammont kellu jinġarr minn Grazio Debono. Jiġi b'hekk, li d-dritt li riedu jħarsu kien jissarraf f'ammont ta' flus.

60. Kemm hu hekk, dan ġie rifless mill-istess Cassar fir-rikors maħluf imressaq minnhom, wara li t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ntlaqgħet definittivament.

61. Għaldaqstant hija l-liġi nnifisha li tqis li t-tismija tas-somma pretiża, anke jekk bejn wieħed u ieħor, għandha tirriżulta taħt piena ta' nullità fir-rikors maħluf meta l-pretensjoni tista' tkun sodisfatta b'somma ta' flus. Fil-każ tagħna Cassar semmew ammont, iżda dan b'referenza għal rapport imħejji u għal ammont li skonthom huwa dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Dan però mhux biżżejjed biex jiġi sodisfatt il-vot tal-liġi. Fl-aħħar mill-aħħar, il-pretensjoni tagħhom hija kontra Debono u mhux kontra l-Kummissarju.

62. Għalhekk lanqas dan it-tieni aggravju mhu siewi.

63. Meqjus il-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti, m'hemmx il-ħtieġa li jiġi mistħarreġ it-tielet aggravju mressaq mill-appellanti.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenuti u għalhekk tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb